



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 19.5.2011
KUMM(2011) 281 finali

2011/0126 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar
u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn
trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-leġiżlazzjoni Awstraljana tagħti s-setgħa lis-Servizz Doganali Awstraljan li jitlob lil kull trasportatur bl-ajru li jopera fuq titjiriet għall-passiġġieri li jtiru lejn jew mill-Awstralja, biex jipprovdilu aċċess elettroniku għad-dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) qabel il-wasla tal-passiġġieri fl-Awstralja jew it-tluq tagħhom minnha. Ir-rekwiżiti tal-awtoritajiet Awstraljani huma bbażati fuq it-Taqsima 64AF tal-Att Doganali tal-Commonwealth (Cth) tal-1901, tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Doganali tal-1985 (Cth), tal-Att dwar il-Migrazzjoni tal-1958 (Cth), tal-Att dwar ir-Reati tal-1914 (Cth), tal-Att dwar il-Privatezza tal-1988 (Cth) u tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tal-1982 (Cth).

Din il-leġiżlazzjoni għandha l-għan li tikseb id-dejta tal-PNR b'mod elettroniku qabel il-wasla tat-titjira u għalhekk tenfasizza b'mod sinifikanti l-abbiltà tas-Servizz Doganali Awstraljan li jwettaq bil-quddiem valutazzjonijiet effiċjenti u effettivi tar-riskju ppreżentat mill-passiġġieri u li jiffaċilita l-ivvjaġġar b'bona fide, u b'hekk issaħħaħ is-sigurtà tal-Awstralja. B'kooperazzjoni mal-Awstralja fil-ġlieda tagħha kontra t-terroriżmu u reati kriminali transnazzjonali serji oħra, l-Unjoni Ewropea tqis it-trasferiment tad-dejta lill-Awstralja bħala mezz biex tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u dik għudizzjarja, li għandha tinkiseb permezz tat-trasferiment ta' informazzjoni analitika mid-dejta tal-PNR li tgħaddi mill-Awstralja għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif ukoll għall-Europol u l-Eurojust, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Il-PNR huwa reġistru tar-rekwiżiti għall-ivvjaġġar ta' kull passiġġier, li jinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ir-riżervazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi bl-ajru.

It-trasportaturi bl-ajru għandhom l-obbligu li jagħtu l-aċċess lis-Servizz Doganali Awstraljan għal ċerta dejta tal-PNR, kemm-il darba din tkun tinġabar u tkun tinsab fis-sistemi awtomatizzati ta' riżervazzjoni u ta' kontroll tat-tluq tat-trasportaturi bl-ajru.

Il-liġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta ma jippermettux li t-trasportaturi Ewropej jew li trasportaturi oħra li joperaw fuq titjiriet mill-UE, jittrażmettu d-dejta tal-PNR tal-passiġġieri tagħhom lil pajjiżi terzi li ma jassigurawx livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta personali mingħajr ma jippreżentaw salvagwardji xierqa. Jeħtieġ li tinstab soluzzjoni li ttipprovi l-bażi legali għat-trasferiment mill-UE tad-dejta tal-PNR għall-Awstralja bħala rikonoxximent tal-ħtieġa u tal-importanza tal-użu tad-dejta tal-PNR fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u reati kriminali transnazzjonali serji oħra, filwaqt li tiġi evitata l-inċertezza legali għat-trasportaturi bl-ajru. Barra minn hekk, din is-soluzzjoni għandha tiġi applikata b'mod omoġenju mal-Unjoni Ewropea kollha sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali għat-trasportaturi bl-ajru u r-rispett lejn id-drittijiet tal-individwi għall-protezzjoni tad-dejta personali kif ukoll għas-sigurtà fiżika tagħhom.

Fl-2008, l-Unjoni Ewropea ffirmat ftehim mal-Awstralja dwar it-trasferiment u l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR, ibbażat fuq sett ta' impenji tas-Servizz Doganali Awstraljan fir-rigward tal-applikazzjoni tal-programm tiegħu tal-PNR¹.

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u sakemm jiġi konkluż il-ftehim, il-Kunsill baġhat il-Ftehim tal-2008 li sar mal-Awstralja lill-Parlament Ewropew biex jagħti l-kunsens tiegħu

¹ ĠUL 213, 8.8.2008, p. 47.

għall-konklużjoni tal-Ftehim. Il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni² li biha ddeċieda li jipposponi l-votazzjoni tiegħu dwar it-talba għall-kunsens u talab li jkun hemm negozjar mill-ġdid tal-Ftehim abbażi ta' ċerti kriterji. Sakemm sar dan in-negozjar mill-ġdid, il-Ftehim tal-2008 kellu jibqa' applikabbli fuq bażi proviżorja.

Fit-23 ta' Settembru 2010, il-Kunsill irċieva tliet rakkomandazzjonijiet mingħand il-Kummissjoni biex jawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar it-trasferiment u l-użu tad-dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u ta' reati kriminali transnazzjonali serji oħra u għall-ġlieda kontri hom.

Fil-11 ta' Novembru 2010, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ir-Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati.

Fit-2 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta Deċiżjoni, flimkien ma' direttiva ta' negozjati, li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati fisem l-Unjoni Ewropea. B'riżultat ta' dawn in-negozjati bejn il-Partijiet, ġie inizjalat il-Ftehim fi ta' Mejju 2011.

Dan il-Ftehim jikkunsidra u jżomm konsistenza mal-kriterji ġenerali stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Approċċ Globali għat-trasferiment tad-dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) lil pajjiżi terzi³ u d-direttivi ta' negozjati mogħtija mill-Kunsill.

Nstab li l-PNR jikkostitwixxi għodda importanti ħafna fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u reati kriminali serji. Il-Ftehim assigura diversi salvagwardji importanti għal dawk l-individwi li d-dejta tagħhom għandha tiġi trasferita jew ipproċessata. B'mod partikolari, l-iskop tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR huwa strettament limitat għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroriści u ta' reati kriminali transnazzjonali serji. L-individwi huma mogħtija d-drittijiet għall-aċċess, il-korrezzjoni, ir-rimedjar u l-informazzjoni. . Id-dejta għandha tiġi trasferita billi jintuża esklużivament il-metodu "push", waqt li l-użu ta' dejta sensittiva huwa pprojbit. Il-perjodu taż-żamma tad-dejta tal-PNR huwa limitat u d-dejta għandha tiġi depersonalizzata wara ċertu żmien. Il-konformità ma' dawn ir-regoli għandha tkun soġġetta għal sorveljanza indipendenti mill-Kummissarju Awstraljan għall-Infurmazzjoni.

L-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Kunsill għandu jikkonkludi l-ftehimiet internazzjonali.

Għalhekk, il-Kummissjoni qed tipproponi lill-Kunsill biex jadotta deċiżjoni li twassal għall-approvazzjoni tal-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri.

² P7_TA-(2010)0144, 5.5.2010

³ COM(2010) 492.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 82(1)(d) u 87(2)(a), flimkien mal-Artikolu 218 (6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew⁴,

Billi:

- (1) Fit-2 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta Deċiżjoni, flimkien ma' direttivi ta' negozjati, li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għal Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar it-trasferiment u l-użu ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u ta' reati kriminali transnazzjonali serji oħra u għall-għieda kontribom.
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni 2010/XXX tal-Kunsill ta' []⁵, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar it-trasferiment u l-użu ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u ta' reati kriminali transnazzjonali serji oħra u għall-għieda kontribom, ġie ffirmat fi ..., soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data ulterjuri.
- (3) Dan il-Ftehim għandu jiġi konkluż.
- (4) Dan il-Ftehim jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, speċjalment id-dritt għal ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, kif rikonoxxut fl-Artikolu 7 tal-Karta, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, kif rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta, u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali kif rikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta. Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat f'konformità ma' dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ ĠU L , , p. .

- (5) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll 21 dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.]
- (6) B'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhijiex marbuta bil-Ftehim jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri huwa b'hekk konkluż.

It-test tal-Ftehim li għandu jiġi konkluż huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna li jkollha s-setgħa li tipproċedi, fisem l-Unjoni Ewropea, għall-iskambju tal-istrumenti ta' approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 29 tal-Ftehim, sabiex jesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tkun marbuta bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIM

Bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri

L-UNJONI EWROPEA,

min-naħa l-waħda, u

L-AWSTRALJA,

min-naħa l-oħra,

Minn hawn 'il quddiem imsemmija flimkien bħala "il-Partijiet",

WAQT LI JIXTIEQU li jipprevjenu u li jiġġieldu kontra t-terroriżmu u r-reati kriminali transnazzjonali serji b'mod effettiv, bħala mezz biex jipproteġu s-soċjetajiet demokratiċi u l-valuri komuni rispettivi tagħhom;

WAQT LI JFITTXU li jsaħħu u li jhegħgu l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fl-ispirtu tas-sħubija UE-Awstralja;

WAQT LI JIRRIKONOXxu li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni hija element fundamentali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-reati kriminali transnazzjonali serji, u li f'dan il-kuntest, l-użu tad-dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) jikkostitwixxi għodda essenzjali;

WAQT LI JIRRIKONOXxu l-importanza tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-reati kriminali transnazzjonali serji, filwaqt li jiġu rrispettati d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari, il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta;

FILWAQT LI JŻOMMU F'MOĦĦHOM l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, id-dritt għall-privatezza fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali kif stipulat fl-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipji tal-proporzjonalità u n-neċessità dwar id-dritt għall-ħajja privata u tal-familja, ir-rispett tal-privatezza, u l-protezzjoni tad-dejta personali skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Konvenzjoni Nru 108 tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali u l-Protokoll 181 miżjud magħha, l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 17 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi rigward id-dritt għall-privatezza;

WAQT LI JIRRIKONOXxu li, fl-2008, l-Awstralja u l-UE ffirmaw il-Ftehim Bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-Ipproċessar u t-Trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) derivata mill-Unjoni Ewropea minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Doganali Awstraljan, li huwa applikat b'mod proviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu iżda li baqa' ma daħalx fis-seħħ;

WAQT LI JINNUTAW li, fil-5 ta' Mejju 2010, il-Parlament Ewropew iddeċieda li jipposponi l-votazzjoni dwar it-talba għall-approvazzjoni ta' dak il-Ftehim u li permezz tar-Riżoluzzjoni

tiegħu tal-11 ta' Novembru 2010 huwa laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea biex jinnegojja ftehim ġdid;

WAQT LI JIRRIKONOXxu d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-*Att Doganali Awstraljan tal-1901* (Cth), u b'mod partikolari it-Taqsima 64AF tiegħu li permezz tagħha, fejn mitlub, l-operaturi kollha tas-servizz bl-ajru għall-passiġġieri internazzjonali, li jtiru lejn jew mill-Awstralja jew li jgħaddu minnha, huma mistennija li jipprovdu d-dejta tal-PNR lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri, sal-punt li tinġabar u tinżamm, b'mod u forma partikolari, fis-sistemi ta' riżervazzjoni u ta' kontroll tat-tluq tat-trasportaturi bl-ajru;

WAQT LI JIRRIKONOXxu li l-*Att dwar l-Amministrazzjoni Doganali tal-1985* (Cth), l-*Att dwar il-Migrazzjoni tal-1958* (Cth), l-*Att dwar ir-Reati tal-1914* (Cth), l-*Att dwar il-Privatezza tal-1988* (Cth), l-*Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tal-1982* (Cth), l-*Att dwar l-Awditur Ġenerali tal-1997* (Cth), l-*Att dwar l-Ombudsman tal-1976* (Cth) u l-*Att dwar is-Servizz Pubbliku tal-1999* (Cth) jipprovdu għal protezzjoni tad-dejta, id-drittijiet għall-aċċess u d-drittijiet ta' rimedjar, rettifika u annotazzjoni u ta' rimedji u sanzjonijiet għall-użu ħażin tad-dejta personali;

WAQT LI JINNUTAW l-impenn tal-Awstralja li tiżgura li s-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri jipproċessa d-dejta tal-PNR strettament bl-iskop li jiġu previsti, identifikati, investigati u mħarrka reati terroristiċi u reati kriminali transnazzjonali serji f'konformità stretta mas-salvagwardji dwar il-privatezza u l-protezzjoni ta' dejta personali, kif stabbilit f'dan il-Ftehim;

WAQT LI JAGĦMLU ENFAŻI fuq l-importanza tal-kondiviżjoni tad-dejta analitika miksuba mill-PNR bejn l-Awstralja u l-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri, u l-Europol jew il-Eurojust, bħala mezz biex tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u dik ġudizzjarja;

WAQT LI JAFFERMAW li dan il-Ftehim ma jikkostitwixxix preċedent għal arranġamenti futuri bejn l-Awstralja u l-Unjoni Ewropea, jew bejn kwalunkwe waħda mill-Partijiet u kwalunkwe Stat, fir-rigward tal-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tal-PNR jew ta' kwalunkwe forma oħra ta' dejta u waqt li jinnotaw li jistgħu jiġu eżaminati l-ħtieġa u l-fattibbiltà ta' arranġamenti simili għall-passiġġieri bil-baħar;

FTIEHMU DAN LI ĠEJ:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Fini tal-Ftehim

Sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza tal-pubbliku, dan il-Ftehim se jipprovdi għat-trasferiment tad-dejta tal-PNR derivata mill-UE għas-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri. Dan il-Ftehim għandu jistipula l-kondizzjonijiet li bihom din id-dejta tista' tiġi trasferita u użata, u l-mod kif id-dejta għandha tiġi protetta.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

- (a) "Ftehim" għandu jfisser dan il-Ftehim, l-Annessi tiegħu, u kwalunkwe emenda li ssirilhom;
- (b) "dejta personali" għandha tfisser kwalunkwe informazzjoni li tirrigwarda persuna fiżika identifikata jew identifikabbli: persuna identifikabbli hija dik li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal numru ta' identità jew għal xi fattur wieħed speċifiku jew aktar dwar l-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tagħha;
- (c) "ipproċessar" għandha tfisser kwalunkwe operat jew sett ta' operati mwettqa fuq id-dejta tal-PNR, kemm jekk b'mezzi awtomatiċi kif ukoll jekk le, bħall-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, iż-żamma, l-adattament jew l-aġġustament, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar permezz ta' trażmissjoni, disseminazzjoni jew tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mod ieħor, l-allinjament jew il-kombinazzjoni, l-imblukkar, it-tħassir jew il-qerda;
- (d) "trasportaturi bl-ajru" għandha tfisser it-trasportaturi bl-ajru li għandhom sistemi ta' riżervazzjoni u/jew dejta tal-PNR ipproċessata fit-territorju tal-Unjoni Ewropea u li joperaw fuq titjiriet tal-passiġġieri, fit-trasport tal-ajru internazzjonali, li jtiru lejn jew mill-Awstralja jew li jgħaddu minnha;
- (e) "sistemi ta' riżervazzjoni" għandha tfisser is-sistema ta' riżervazzjoni, is-sistema ta' kontroll tat-tluq jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet li juża t-trasportatur bl-ajru;
- (f) "dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri" jew "dejta tal-PNR" għandhom ifissru l-informazzjoni pproċessata fl-UE mit-trasportaturi bl-ajru dwar ir-rekwiżiti għall-ivvjaġġar ta' kull passiġġier, skont kif elenkati fl-Anness 1, li tkun tinkludi l-informazzjoni meħtieġa għall-ipproċessar u l-kontroll tar-riżervazzjonijiet min-naħa tat-trasportaturi bl-ajru li jkunu qed jagħmlu r-riżervazzjonijiet u dawk parteċipanti;

- (g) "passiġġier" għandu jfisser kwalunkwe passiġġier jew membru tal-ekwipaġġ inkluż il-kaptan,
- (h) "dejta sensittiva" għandu jfisser kwalunkwe dejta personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjoni politiki, it-twelmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija f'xi trejdnunjin, jew taġrif dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali.

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni

1. L-Awstralja għandha tiżgura li s-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri għandu jipproċessa d-dejta tal-PNR li jkun irċieva strettament bl-iskop li jiġu previsti, identifikati, investigati u mħarrka reati terroristiċi jew reati kriminali transnazzjonali serji, f'konformità ma' dan il-Ftehim:
2. Ir-reati terroristiċi għandhom jinkludu:
 - (a) l-atti ta' persuna li jinvolvu vjolenza, jew li huma b'xi mod perikolużi għall-ħajja tal-bniedem jew li jgħallqu riskju ta' ħsara għall-proprjetà jew l-infrastruttura, u li minħabba n-natura u l-kuntest tagħhom, hu raġonevolment maħsub li twettqu bil-għan li:
 - (i) jintimidaw jew jikkostingu popolazzjoni;
 - (ii) jintimidaw, jisfuzaw, jew jikkostingu gvern jew organizzazzjoni internazzjonali biex jaġixxi/tagħxi jew jastjeni/tastjeni milli jaġixxi/tagħxi;
 - (iii) jiddestabilizzaw jew ikissru serjament l-istrutturi politiki, kostituzzjonali, ekonomiċi jew soċjali fundamentali ta' pajjiż jew ta' organizzazzjoni internazzjonali;
 - (b) jassistu, jisponsorjaw jew jipprovdu sostenn finanzjarju, materjali jew teknoloġiku għal, jew servizzi finanzjarji jew servizzi oħrajn għal, jew b'appoġġ għal, l-atti deskritti fil-punt a);
 - (c) jipprovdu jew jiġbru fondi, b'mezz kwalunkwe, direttament jew indirettament, bil-ħsieb li jkun jistgħu jintużaw jew bl-għarfien li dawn għandhom jintużaw, totalment jew parzjalment, sabiex jitwettaq kwalunkwe wieħed mill-atti deskritti fil-punti a) jew b); jew
 - (d) jgħinu, jassistu jew jippruvaw iwettqu l-atti deskritti fil-punti a), b) jew c).
3. Ir-reati kriminali transnazzjonali serji għandhom ifissru kwalunkwe reat punibbli fl-Awstralja permezz ta' sentenza ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-anqas erba' snin jew b'piena aktar serja u hekk kif definit mil-liġi Awstraljana, jekk ir-reat kriminali jkun ta' natura transnazzjonali. Reat kriminali jitqies bħala ta' natura transnazzjonali b'mod partikolari jekk:
 - (a) jitwettaq f'aktar minn pajjiż wieħed;

- (b) jitwettaq f'pajjiż wieħed iżda parti sostanzjali mit-tħejjija, l-ippjanar, id-direzzjoni jew il-kontroll tiegħu sseħħ f'pajjiż ieħor;
 - (c) jitwettaq f'pajjiż wieħed iżda jkun jikkonċerna grupp ta' kriminalità organizzata li jkun involut f'attivitajiet kriminali f'aktar minn pajjiż wieħed; jew
 - (d) jitwettaq f'pajjiż wieħed iżda jkollu effetti sostanzjali fuq pajjiż ieħor.
4. F'każijiet eċċezzjonali, id-dejta tal-PNR tista' tiġi pproċessata mill-Awstralja fejn ikun meħtieġ sabiex jiġu protetti l-interessi vitali ta' kull individwu, bħal pereżempju r-riskju ta' mewt, ta' korriment serju jew theddida għas-saħħa.
 5. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' superviżjoni u ta' responsabbiltà min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika u għall-faċilitazzjoni ta' rimedjar u ta' sanzjonijiet għall-użu ħażin tad-dejta, id-dejta tal-PNR tista' tiġi pproċessata fuq bażi ta' każ b'każ jekk dan l-ipproċessar ikun speċifikament mitlub mil-liġi Awstraljana.

Artikolu 4

L-iżgurar tal-provvista tad-dejta tal-PNR

1. It-trasportaturi bl-ajru għandhom jipprovdu d-dejta tal-PNR li tinsab fis-sistemi ta' riżervazzjoni tagħhom lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri. M'għandhomx jiġu ostakolati minn kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi ta' waħda mill-Partijiet milli jikkonformaw mal-liġi Awstraljana rilevanti li tobbligahom jipprovdu din id-dejta.
2. L-Awstralja m'għandhiex tobbliga lit-trasportaturi bl-ajru biex jipprovdu elementi tad-dejta tal-PNR li ma ġewx diġà miġbura jew miżmuma fis-sistemi ta' riżervazzjoni tagħhom.
3. Jekk id-dejta tal-PNR trasferita permezz tat-trasportaturi bl-ajru tkun tinkludi dejta oħra apparti dik elenkata fl-Anness 1, din għandha titħassar mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri.

Artikolu 5

Adegwatezza

Il-konformità tas-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri ma' dan il-Ftehim għandha, skont it-tifsira tal-liġi rilevanti tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta, tikkostitwixxi livell adegwat ta' protezzjoni għad-dejta tal-PNR trasferita lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 6

Il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja

1. Is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri għandu jiżgura d-disponibilità, malli jkun possibbli, ta' informazzjoni analitika rilevanti u adegwata

miksuba mid-dejta tal-PNR, għall-pulizija jew l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istat Membru kkonċernat, jew għall-Europol u l-Eurojust, fl-ambitu tal-mandati rispettivi tagħhom, u f'konformità mal-ftehimiet jew l-arranġamenti bejn l-Awstralja u kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, tal-Europol jew tal-Eurojust, dwar l-infurzar tal-liġi jew il-kondiviżjoni ta' informazzjoni oħra, skont kif ikun applikabbli.

2. Il-pulizija jew l-awtorità ġudizzjarja ta' xi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, jew tal-Europol jew tal-Eurojust, fl-ambitu tal-mandati rispettivi tagħhom, jistgħu jitolbu l-aċċess għad-dejta tal-PNR jew għall-informazzjoni analitika rilevanti u adegwata miksuba mid-dejta tal-PNR li tkun neċessarja f'każijiet partikolari sabiex jiġu previsti, identifikati, investigati, jew imħarrka reati terroristiċi jew reati kriminali transnazzjonali serji. Is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri għandu jpoġġi tali informazzjoni għad-dispożizzjoni, f'konformità mal-ftehimiet jew l-arranġamenti msemmija fil-punt 1.

KAPITOLU II

IS-SALVAGWARDJI APPLIKABBLI GĦALL-IPPROĊESSAR TAD-DEJTA TAL-PNR

Artikolu 7

Il-protezzjoni tad-dejta u n-non-diskriminazzjoni

1. Id-dejta tal-PNR għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-*Att dwar il-Privatezza tal-1988* (Cth) li jirregola l-ġbir, l-użu, il-ħażna u l-iżvelar, is-sigurtà u l-aċċess u l-aġġustament ta' informazzjoni personali miżmuma mill-biċċa l-kbira tad-dipartimenti u l-aġenziji tal-Gvern Awstraljan.
2. L-Awstralja għandha tiżgura li s-salvagwardji applikabbli għall-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont dan il-Ftehim u l-liġijiet nazzjonali rilevanti, ikunu japplikaw għall-passiġġieri kollha mingħajr l-ebda diskriminazzjoni, b'mod partikolari fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew ta' pajjiż ta' residenza jew ta' preżenza fiżika fl-Awstralja.

Artikolu 8

Dejta sensittiva

Kull tip ta' ipproċessar tad-dejta sensittiva tal-PNR min-naħa tas-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri, għandu jiġi pprojbit. Sal-punt li jekk id-dejta tal-PNR dwar passiġġieri li tiġi trasferita lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri tkun tinkludi dejta sensittiva, din għandha tiġi tassat mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri.

Artikolu 9

Is-sigurtà u l-integrità tad-dejta

1. Sabiex jiġu previsti l-qerda aċċidentali jew illegali jew it-telfien aċċidentali, l-aġġustament, l-iżvelar jew l-aċċess mhux awtorizzat jew kwalunkwe forma ta' ipproċessar illegali:
 - (a) It-tagħmir għall-ipproċessar tad-dejta tal-PNR għandu jinżamm f'ambjent fiżiku sikur, u miżmum permezz ta' sistemi ta' livell għoli u ta' kontrolli ta' intrużjoni fiżika;
 - (b) Id-dejta tal-PNR għandha tkun maħżuna separatament minn kwalunkwe dejta oħra. Għall-finijiet ta' tqabbil, id-dejta tista' timxi għal ġos-sistema tal-PNR, iżda ma tistax timxi mis-sistema tal-PNR għal dejtabejżis oħra. L-aċċess għas-sistema tal-PNR għandu jkun limitat għal numru ristrett ta' uffiċjali fis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri li jkunu awtorizzati speċifikament mill-Kap Eżekuttiv biex jipproċessaw id-dejta tal-PNR għall-finijiet ta' dan il-Ftehim. Dawn l-uffiċjali għandu jkollhom aċċess għas-sistema tal-PNR f'postijiet tax-xogħol sikuri li ma jkunux aċċessibbli għal individwi mhux awtorizzati;
 - (c) L-aċċess għas-sistema tal-PNR, mill-uffiċjali deskritti fil-punt b) għandu jkun ikkontrollat permezz ta' sistemi ta' aċċess ta' sigurtà bħal pereżempju logins stratifikati li jagħmlu użu minn ID tal-utent u password;
 - (d) L-aċċess għan-netwerk tas-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri u kwalunkwe dejta li tkun tinsab fis-sistema tal-PNR għandhom jiġu vverifikati. Ir-rekord ta' verifika ġġenerat għandu jinkludi l-isem tal-utent, il-post tax-xogħol tal-utent, id-data u l-ħin tal-aċċess, il-kontenut tat-talba u n-numru tar-rekords li ġew irritornati;
 - (e) Id-dejta kollha tal-PNR għandha tiġi trasferita mingħand is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri għal awtoritajiet oħra b'mod sikur;
 - (f) Is-sistema tal-PNR għandha tiżgura l-identifikazzjoni ta' difetti u r-rappurtar;
 - (g) Id-dejta tal-PNR għandha tiġi protetta kontra kwalunkwe tip ta' manipulazzjoni, aġġustament jew addizzjoni jew korruzzjoni minħabba l-funzjonament ħażin tas-sistema;
 - (h) M'għandha ssir l-ebda kopja tad-dejtabejż tal-PNR, ħlief għall-finijiet ta' back-up għall-irkupru minn diżastru.
2. Kwalunkwe ksur tas-sigurtà tad-dejta, b'mod partikolari dak li jwassal għall-qerda aċċidentali jew illegali jew it-telfien aċċidentali, l-aġġustament, l-iżvelar jew l-aċċess mhux awtorizzat jew kwalunkwe forma ta' ipproċessar illegali, għandu jkun soġġett għal sanzjonijiet effettivi u dissważivi.
3. Is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri għandu jirrapporta kwalunkwe ksur tas-sigurtà tad-dejta lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Awstraljan għall-Infurmazzjoni, u għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea li dan il-ksur ikun ġie rrapportat.

Is-sorveljanza u r-responsabbiltà

1. Il-konformità tal-awtoritajiet governattivi li jipproċessaw id-dejta tal-PNR mar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta għandha tkun soġġetta għas-sorveljanza mill-Kummissarju Awstraljan għall-Informazzjoni li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Privatezza, għandu setgħat effettivi biex jinvestiga l-konformità tal-aġenziji mal-Att dwar il-Privatezza, u biex jikkontrolla u jinvestiga sa fejn ikun qed jikkonforma is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri mal-Att dwar il-Privatezza.
2. Is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri għandu arranġamenti li ġew stabbiliti mill-Att dwar il-Privatezza biex il-Kummissarju Awstraljan għall-Informazzjoni jwettaq b'mod regolari verifiki formali tal-aspetti kollha tal-politiki u l-proċeduri li jirrigwardaw l-użu, il-ġestjoni u l-aċċess mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri tad-dejta tal-PNR derivata mill-UE.
3. Il-Kummissarju Awstraljan għall-Informazzjoni, b'mod partikolari, se jisma' talbiet ippreżentati minn individwi irrISPettivament min-nazzjonalità jew mill-pajjiż ta' residenza tagħhom, dwar il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tagħhom fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali. L-individwi kkonċernati se jkunu informati bir-riżultat tat-talba. Il-Kummissarju Awstraljan għall-Informazzjoni se jgħin aktar lill-individwi kkonċernati biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont dan il-Ftehim, b'mod partikolari d-drittijiet għall-aċċess, ir-rettifika u r-rimedju.
4. L-individwi għandhom ukoll id-dritt li jressqu lment quddiem l-Ombudsman tal-Commonwealth fir-rigward tal-mod kif ikunu ġew trattati mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri.

Artikolu 11

It-trasparenza

1. L-Awstralja għandha titlob lit-trasportaturi bl-ajru biex jipprovdu informazzjoni ċara u sinifikanti lill-passiġġieri b'rabta mal-ġbir, l-ipproċessar u l-iskop tal-użu tad-dejta tal-PNR. Preferibbilment din l-informazzjoni għandha tingħata waqt li tkun qed issir ir-riżervazzjoni.
2. L-Awstralja għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, b'mod partikolari fuq websajts governattivi rilevanti, l-informazzjoni dwar l-iskop tal-ġbir u tal-użu tal-PNR mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri. Din għandha tinkludi informazzjoni dwar kif għandhom jintalbu l-aċċess, il-korrezzjoni u r-rimedju.

Artikolu 12

Dritt ta' aċċess

1. Kwalunkwe individwu għandu jkollu d-dritt ta' aċċess għad-dejta tal-PNR tiegħu, wara li tkun saret it-talba lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri. Din għandha tingħata mingħajr restrizzjonijiet jew dewmien bla bżonn. Dan id-dritt jingħata permezz tal-*Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni tal-1982* (Cth) u l-Att dwar il-Privatezza. Id-dritt ta' aċċess għandu jestendi wkoll fuq l-abbiltà li wieħed jitlob u jikseb dokumenti miżmuma mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri li jirrigwardaw jekk id-dejta relatata mal-individwu tkunx ġiet trasferita jew tkunx tqiegħdet għad-dispożizzjoni jew le u li jinkludu l-informazzjoni dwar ir-riċevituri jew il-kategoriji ta' riċevituri li magħhom tkun ġiet żvelata d-dejta.
2. L-iżvelar ta' informazzjoni, f'konformità mal-paragrafu 1, jista' jkun soġġett għal limitazzjonijiet legali raġonevoli applikabbli skont il-liġi Awstraljana għas-salvagwardjar tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, u għall-protezzjoni tas-sigurtà pubblika jew ta' dik nazzjonali, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-interess leġittimu tal-individwu kkonċernat.
3. Kwalunkwe rifjuti jew restrizzjonijiet għall-aċċess għandhom isiru bil-miktub u jingħataw lill-individwu fi żmien tletin (30) jum jew fi żmien kwalunkwe estensjoni statutorja stabbilita. Fl-istess ħin, għandhom jiġu kkomunikati wkoll lill-individwu, ir-raġunijiet fattwali jew legali li fuqhom tkun ġiet ibbażata d-deċiżjoni. Din il-komunikazzjoni tal-aħħar tista' titħalla barra f'każ li jkun hemm raġuni, skont il-paragrafu 2. F'dawn il-każijiet kollha, l-individwi għandhom jiġu informati bid-dritt tagħhom li jressqu lment kontra d-deċiżjoni tas-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri. Dan l-ilment għandu jitressaq quddiem il-Kummissarju Awstraljan għall-Informazzjoni. Għandhom jiġu informati wkoll dwar il-mezzi disponibbli biex wieħed ifittex rimedju amministrattiv u ġudizzjarju, kif previst mil-liġi Awstraljana.

4. F'każ li individwu jissottometti lment lill-Kummissarju Awstraljan għall-
Informazzjoni, hekk kif imsemmi fil-paragrafu 3, dan l-individwu għandu jiġi
formalment avżat bir-riżultat tal-investigazzjoni tal-ilment. Għandu mill-anqas
jirċievi konferma dwar jekk ikunx ġew irrispettati d-drittijiet tiegħu ta' protezzjoni
tad-dejta, f'konformità ma' dan il-Ftehim.
5. Is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri m'għandux jiżvela d-
dejta tal-PNR lill-pubbliku, ħlief lil dawk l-individwi li d-dejta tal-PNR tagħhom
tkun ġiet ipproċessata jew lir-rappreżentanti tagħhom.

Artikolu 13

Id-dritt ta' rettifika u ta' tħassir

1. Kwalunkwe individwu għandu jkollu d-dritt li jitlob li ssir rettifika tad-dejta tal-PNR
tiegħu pproċessata mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri
f'każ li d-dejta ma tkunx eżatta. Ir-rettifika tista' tirrikjedi li jsir xi tħassir.
2. It-talbiet biex issir ir-rettifika tad-dejta tal-PNR miżmuma mis-Servizz Awstraljan
tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri jistgħu jsiru direttament mas-Servizz
Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri skont l-Att dwar il-Libertà tal-
Informazzjoni jew l-Att dwar il-Privatezza.
3. Is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri għandu jagħmel il-
verifiki neċessarji kollha skont it-talba li tkun saritlu u għandu jinforma lill-
individwu mingħajr dewmien bla bżonn, dwar jekk id-dejta tal-PNR tiegħu tkunx
ġiet rettifikata jew imħassra. Din in-notifika għandha ssir bil-miktub fi żmien tletin
(30) jum jew fi żmien kwalunkwe estensjoni statutorja stabbilita u għandha tinforma
lill-individwu dwar il-possibbiltà li jilmenta mal-Kummissarju Awstraljan għall-
Informazzjoni fuq id-deċiżjoni tas-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni
tal-Fruntieri u dwar il-mezzi disponibbli skont il-liġi Awstraljana biex ifittex rimedju
amministrattiv u ġudizzjarju.
4. F'każ li individwu jressaq ilment lill-Kummissarju Awstraljan għall-Informazzjoni,
hekk kif imsemmi fil-paragrafu 3, dan l-individwu għandu jiġi formalment avżat bir-
riżultat tal-investigazzjoni.

Artikolu 14

Id-dritt ta' rimedjar

1. Kull individwu għandu jkollu d-dritt għal rimedju amministrattiv u ġudizzjarju
effettiv f'każ li kwalunkwe wieħed mid-drittijiet tiegħu msemija f'dan il-Ftehim
ikun ġie miksur.
2. Kwalunkwe individwu li jkun ġarrab ħsara b'riżultat ta' xi operat ta' ipproċessar
illegali jew ta' kwalunkwe att li ma jkunx kompatibbli mad-drittijiet imsemija f'dan
il-Ftehim, għandu jkollu d-dritt li japplika għal rimedji effettivi, li jistgħu jinkludu
kumpens mill-Awstralja.

3. Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u fil-paragrafu 2, għandhom jingħataw lill-individwi irrispettivament min-nazzjonalità jew il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, il-post ta' residenza jew il-preżenza fiżika tagħhom fl-Awstralja.

Artikolu 15

L-ipproċessar awtomatizzat tad-dejta tal-PNR

1. Is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri jew awtoritajiet governattivi oħra li huma elenkati fl-Anness 2, m'għandhom jieħdu l-ebda deċiżjoni li taffettwa b'mod sinifikanti lil xi passiġġier jew li tipproduċi effetti legali negattivi fuq, li tkun ibbażata biss fuq l-ipproċessar awtomatizzat tad-dejta tal-PNR.
2. Is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri m'għandux iwettaq l-ipproċessar awtomatizzat tad-dejta fuq il-bażi ta' dejta sensittiva.

Artikolu 16

Iż-żamma tad-dejta

1. Id-dejta tal-PNR m'għandhiex tinżamm għal aktar minn ħames snin u nofs mid-data tar-riċeviment inizjali tad-dejta tal-PNR mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri. Matul dan il-perjodu, id-dejta tal-PNR għandha tinżamm biss fis-sistema tal-PNR bl-iskop li jiġu previsti, identifikati, investigati u mħarrka reati terroristiċi u reati kriminali transnazzjonali serji, u b'dan il-mod:
 - (a) Mir-riċeviment inizjali sa perjodu ta' tliet snin, id-dejta kollha tal-PNR għandha tkun aċċessibbli għal numru limitat ta' uffiċjali tas-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri, awtorizzati speċifikament mill-Kap Eżekuttiv tas-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri sabiex jidentifikaw dawk il-passiġġieri li jistgħu jkunu persuni ta' interess potenzjali;
 - (b) Wara li jgħaddu tliet snin mir-riċeviment inizjali sal-aħħar tal-perjodu ta' ħames snin u nofs, id-dejta tal-PNR għandha tinżamm fis-sistema tal-PNR iżda l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu għall-identifikazzjoni ta' xi passiġġier li miegħu tkun relatata id-dejta tal-PNR għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta depersonalizzata tal-PNR għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' uffiċjali tas-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri, awtorizzati speċifikament mill-Kap Eżekuttiv tas-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri sabiex iwettqu analiżi relatati ma' reati terroristiċi jew reati kriminali transnazzjonali. L-aċċess sħiħ għad-dejta tal-PNR għandu jingħata biss minn xi membru tas-Servizz Eżekuttiv Għoli tas-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri, jekk dan ikun neċessarju għat-twettiq ta' investigazzjonijiet bl-iskop li jiġu previsti, identifikati, investigati u mħarrka reati terroristiċi u reati kriminali transnazzjonali serji.
2. Sabiex tintlaħaq id-depersonalizzazzjoni, l-elementi tal-PNR li ġejjin għandhom jiġu moħbija:

- (a) l-isem/l-ismijiet;
 - (b) ismijiet oħra fil-PNR, inkluż in-numru ta' vjaġġaturi fil-PNR;
 - (c) kwalunkwe informazzjoni ta' kuntatt disponibbli (inkluża l-informazzjoni tal-oriġinatur);
 - (d) rimarki ġenerali li jinkludu Informazzjoni Supplementari Oħra (OSI), Informazzjoni Speċjali dwar is-Servizz (SSI) u informazzjoni dwar Talba għal Servizz Speċjali (SSR), sal-punt li jkun fihom xi informazzjoni li twassal għall-identifikazzjoni ta' persuna fiżika; kif ukoll
 - (e) kwalunkwe dejta dwar l-Ipproċessar Avvanzat tal-Passiġġieri (APP) jew dwar l-Informazzjoni Avvanzata dwar il-Passiġġieri (API), sal-punt li jkun fiha xi informazzjoni li twassal għall-identifikazzjoni ta' persuna fiżika.
3. Minkejja l-paragrafu 1, id-dejta tal-PNR meħtieġa għal investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet jew eżekuzzjonijiet speċifiċi ta' pieni għal reati terroristiċi jew għal reati kriminali transnazzjonali serji, tista' tiġi pproċessata bl-iskop li jiġu investigati, imħarrka jew eżegwiti l-penali. Id-dejta tal-PNR tista' tinżamm sakemm l-investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjonijiet rilevanti jiġu konklużi jew sakemm il-piena tiġi eżegwita.
 4. Hekk kif jiskadi l-perjodu taż-żamma tad-dejta, speċifikat fil-paragrafi 1 u 3, id-dejta tal-PNR għandha tiġi tħassar b'mod permanenti.

Artikolu 17

Ir-reġistrazzjoni u d-dokumentazzjoni tad-dejta tal-PNR

1. L-iproċessar kollu, inkluż l-aċċess għad-dejta tal-PNR u l-konsultazzjoni jew it-trasferiment tagħha, kif ukoll it-talbiet għad-dejta tal-PNR mill-awtoritajiet tal-Awstralja jew minn pajjiżi terzi, anke jekk dawn jiġu miċħuda, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri bl-iskop li tiġi vverifikata l-legalità tal-iproċessar tad-dejta, li jsir awtomonitoraġġ u li jiġu żgurati l-integrità xierqa tad-dejta u s-sigurtà tal-iproċessar tad-dejta.
2. Ir-reġistrazzjonijiet jew id-dokumentazzjoni mħejjija skont il-paragrafu 1 għandhom jintużaw biss għal skopijiet ta' sorveljanza u ta' verifika, inkluż l-investigazzjoni u s-soluzzjoni ta' kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' aċċess mhux awtorizzat.
3. Ir-reġistrazzjonijiet jew id-dokumentazzjoni mħejjija skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu kkomunikati, jekk jintalbu, lill-Kummissarju Awstraljan għall-Informazzjoni. Il-Kummissarju Awstraljan għall-Informazzjoni għandu juża biss din l-informazzjoni għas-sorveljanza tal-protezzjoni tad-dejta u biex jiġi żgurat ipproċessar adegwat tad-dejta kif ukoll l-integrità u s-sigurtà tagħha.

Artikolu 18

Il-kondiviżjoni tad-dejta tal-PNR ma' awtoritajiet governattivi oħra tal-Awstralja

1. Is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri jista' jikkondividi biss id-dejta tal-PNR ma' daww l-awtoritajiet governattivi tal-Awstralja li huma elenkati fl-Anness 2 u f'konformità ma' dawn is-salvagwardji biss:
 - (a) L-awtoritajiet governattivi riċeventi għandhom japplikaw għad-dejta tal-PNR, is-salvagwardji previsti f'dan il-Ftehim.
 - (b) Id-dejta għandha tiġi kondiviża strettament għall-iskopijiet imsemmija fl-Artikolu 3;
 - (c) Id-dejta għandha tiġi kondiviża biss fuq bażi ta' każ b'każ sakemm id-dejta tkun għet depersonalizzata;
 - (d) Qabel ma ssir il-kondiviżjoni, is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri għandu jevalwa b'attenzjoni r-rilevanza tad-dejta li tkun se tiġi kondiviża. Għandhom jiġu kondiviżi biss, daww l-elementi partikolari tad-dejta tal-PNR li jkunu jidhru b'mod ċar li huma neċessarji f'ċirkostanzi partikolari. Ikun x'ikun il-każ, għandu jiġi kondiviż l-inqas ammont possibbli ta' dejta.
 - (e) L-awtoritajiet governattivi riċeventi għandhom jiżguraw li d-dejta ma tkunx qed tiġi addizzjonalment żvelata mingħajr il-permess tas-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri, li m'għandux jingħata mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri ħlief għall-iskopijiet imsemmija fl-Artikolu 3 tal-Ftehim.
2. Il-lista tal-awtoritajiet stabbilita fl-Anness 2, tista' tiġi emendata permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi bejn il-Partijiet, sabiex tkun tinkludi:
 - (a) kwalunkwe dipartimenti jew aġenziji suċċessuri ta' daww elenkati fl-Anness 2; kif ukoll
 - (b) kwalunkwe dipartimenti u aġenziji ġodda stabbiliti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li l-funzjonijiet tagħhom ikunu direttament relatati mal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali transnazzjonali serji; kif ukoll
 - (c) kwalunkwe dipartimenti u aġenziji eżistenti li l-funzjonijiet tagħhom isiru direttament relatati mal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali transnazzjonali serji.
3. Meta tiġi trasferita informazzjoni analitika li jkun fiha d-dejta tal-PNR skont dan il-Ftehim, għandhom jiġu rrispettati s-salvagwardji applikabbli għad-dejta tal-PNR imsemmija f'dan l-Artikolu.
4. M'hemm xejn f'dan l-Artikolu li jipprevjeni l-iżvelar ta' dejta tal-PNR, fejn ikun meħtieġ, għall-iskopijiet tal-Artikolu 3(4) u (5) u tal-Artikolu 10.

Artikolu 19

Trasferimenti lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi

1. Is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri jista' jittrasferixxi d-dejta tal-PNR lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi speċifiċi biss, f'konformità mas-salvagwardji li ġejjin:
 - (a) Is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri jinsab sodisfatt li l-awtorità riċeventi tal-pajjiż terz qablet li tapplika għad-dejta trasferita l-istess salvagwardji previsti f'dan il-Ftehim;
 - (b) Tista' tirċievi d-dejta tal-PNR biss, l-awtorità ta' pajjiż terz li l-funzjonijiet tagħha huma direttament relatati mal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali transnazzjonali serji;
 - (c) Id-dejta għandha tiġi trasferita għall-iskopijiet esklużivi ta' prevenzjoni, identifikazzjoni, investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali transnazzjonali serji, kif definit fl-Artikolu 3;
 - (d) Id-dejta għandha tiġi trasferita fuq bażi ta' każ b'każ;
 - (e) Qabel ma jsir it-trasferiment, is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri għandu jevalwa b'attenzjoni r-rilevanza tad-dejta li tkun se tiġi trasferita. Għandhom jiġu trasferiti biss, daww l-elementi partikolari tad-dejta tal-PNR li jkunu jidhru b'mod ċar li huma neċessarji f'ċirkostanzi partikolari. Ikun x'ikun il-każ, għandu jiġi trasferit l-inqas ammont possibbli ta' dejta;
 - (f) F'każ li s-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri jsir jaf li d-dejta ta' ċittadin jew ta' resident ta' xi Stat Membru tkun qed tiġi trasferita, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandhom jiġu informati bil-kwistjoni mill-aktar fis possibbli;
 - (g) is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri jinsab sodisfatt li l-awtorità riċeventi tal-pajjiż terz qablet li żżomm id-dejta tal-PNR biss sakemm tintemm l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni rilevanti jew sakemm il-piena tkun ġiet eżegwita jew sakemm id-dejta ma tkunx meħtieġa aktar għall-iskopijiet previsti fl-Artikolu 3(4), u jkun xi jkun il-każ għal mhux iktar mill-perjodu meħtieġ;
 - (h) is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri jinsab sodisfatt li l-awtorità riċeventi tal-pajjiż terz qablet li ma tittrasferixxix aktar dejta tal-PNR;
 - (i) Is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri għandu jiżgura li l-passiġġier ikun informat, fejn xieraq, dwar it-trasferiment tad-dejta tiegħu tal-PNR.
2. Meta tiġi trasferita informazzjoni analitika li jkun fiha d-dejta tal-PNR skont dan il-Ftehim, għandhom jiġu rrispettati s-salvagwardji applikabbli għad-dejta tal-PNR imsemmija f'dan l-Artikolu.

3. M'hemm xejn f'dan l-Artikolu li jipprevjeni l-iżvelar ta' dejta tal-PNR, fejn ikun meħtieġ, għall-iskopijiet tal-Artikolu 3(4).

KAPITOLU III

MODALITAJIET TAT-TRASFERIMENTI

Artikolu 20

Il-metodu tat-trasferiment

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jiżguraw li t-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu d-dejta tal-PNR lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri, esklużivament fuq il-bażi tal-metodu "push" u f'konformità mal-proċeduri li ġejjin:

- (i) It-trasportaturi bl-ajru għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR b'mezzi elettroniċi f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi tas-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri jew, f'każ ta' ħsara teknika, b'mezz ieħor kwalunkwe li jiżgura livell adegwat ta' sigurtà tad-dejta.
- (j) It-trasportaturi bl-ajru għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR billi jużaw format ta' messaġġi miftiehem.
- (k) It-trasportaturi bl-ajru għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR b'mod sigur billi jużaw protokoll komuni meħtieġa mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri.

Artikolu 21

Il-frekwenza tat-trasferiment

- 1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li t-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu d-dejta kollha tal-passiġġieri meħtieġa mill-PNR, lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri, skont kif deskritt fl-Artikolu 20, f'mhux aktar minn ħames waqtiets previsti għal kull titjira, fejn l-ewwel waħda tkun sa 72 siegħa qabel it-tluq skedat. Is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri għandu jikkomunika l-ħinijiet speċifika għat-trasferimenti lit-trasportaturi bl-ajru.
- 2. F'każijiet speċifiċi fejn ikun hemm indikazzjonijiet li jinħtieġ aċċess bikri biex ikun hemm rispons għal xi theddida speċifika relatata ma' reati terroristiċi jew ma' reati kriminali transnazzjonali serji, is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri jista' jkun jeħtieġ trasportatur bl-ajru biex jipprovdi d-dejta tal-PNR qabel ma jsir l-ewwel trasferiment previst. Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni, is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri għandu jaġixxi b'ġudizzju u b'mod proporzjonali u juża esklużivament il-metodu "push".
- 3. F'każijiet speċifiċi fejn ikun hemm indikazzjonijiet li jinħtieġ aċċess bikri biex ikun hemm rispons għal xi theddida speċifika relatata ma' reati terroristiċi jew ma' reati kriminali transnazzjonali serji, is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri jista' jkun jeħtieġ trasportatur bl-ajru biex jittrasferixxi d-dejta tal-PNR bejn

jew wara t-trasferimenti regolari msemija fil-paragrafu 1. Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni, is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri għandu jagħixxi b'ġudizzju u b'mod proporzjonali u juża esklużivament il-metodu "push".

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET IMPLIMENTATTIVI U FINALI

Artikolu 22

In-nuqqas ta' deroga/Ir-relazzjoni ma' strumenti oħra

1. Dan il-Ftehim m'għandux jgħid li xi dritt jew benefiċċju lil kwalunkwe persuna jew entità, privata jew pubblika. Kull Parti għandha tiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ikunu qed jiġu implimentati kif xieraq.
2. M'hemmx xejn f'dan il-Ftehim li għandu jillimita d-drittijiet jew is-salvagwardji inklużi fil-liġijiet tal-Awstralja.
3. M'hemmx xejn f'dan il-Ftehim li għandu jidderoga mill-obbligi eżistenti skont kwalunkwe strumenti ta' assistenza legali bilaterali reċiproka bejn l-Awstralja u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, biex tiġi pprovduta assistenza fit-talbiet għal kisba ta' dejta biex tintuża bħala prova matul proċedimenti kriminali li jikkonċernaw terroriżmu jew reati kriminali transnazzjonali serji.

Artikolu 23

Is-soluzzjoni tat-tilwim u s-sospensjoni tal-Ftehim

1. Kwalunkwe tilwima li tirriżulta mill-interpretazzjoni, l-applikazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u kwalunkwe kwistjoni relatata magħha, għandhom iwasslu għal konsultazzjoni bejn il-Partijiet bil-ħsieb li tintlaħaq soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku, li tipprevedi l-għoti ta' opportunità lil waħda mill-Partijiet biex tikkonforma fi żmien raġonevoli.
2. F'każ li l-konsultazzjonijiet ma jirriżultawx f'soluzzjoni tat-tilwima, kull waħda mill-Partijiet tista' tissospendixxi l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim permezz ta' notifika bil-miktub b'mezzi diplomatiċi, fejn tali sospensjoni jkollha tidħol fis-seħħ 120 jum mid-data tan-notifika, sakemm ma jkunx ġie miftiehem mod ieħor.
3. Kwalunkwe sospensjoni għandha tieqaf hekk kif it-tilwima tiġi solvuta b'sodisfazzjoni għall-Awstralja u l-UE.
4. Minkejja kwalunkwe sospensjoni ta' dan il-Ftehim, id-dejta kollha miksuba mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri skont it-termini ta' dan il-Ftehim għandha tibqa' tiġi pproċessata f'konformità mas-salvagwardji ta' dan il-Ftehim, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar iż-żamma u t-ħassir tad-dejta.

Artikolu 24

Il-konsultazzjoni u r-reviżjoni

1. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin, fejn applikabbli anke qabel l-adozzjoni, dwar kwalunkwe tibdiliet leġislattivi jew regolatorji li jistgħu jaffettwaw b'mod konkret l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Ir-referenzi għal-leġislazzjoni Awstraljana li jinsabu f'dan il-Ftehim għandhom jitqiesu li jinkludu kwalunkwe leġislazzjoni suċċessiva.
2. Sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u b'mod regolari minn dakinhar 'il quddiem għat-tul ta' żmien ta' dan il-Ftehim u wkoll għal kull talba li ssir mingħand kull waħda mill-Partijiet, il-Partijiet għandhom jirrevedu b'mod konġunt l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u ta' kwalunkwe kwistjonijiet relatati miegħu. Il-Partijiet jaqblu li r-reviżjoni għandha tanalizza b'mod partikolari l-mekkaniżmu tal-ħabi tad-dejta skont l-Artikolu 16(1)(b), kwalunkwe diffikultajiet relatati mal-effiċjenza operattiva jew mal-effettività fsens ta' nfiq tal-mekkaniżmu, u mal-esperjenza li tkun inkisbet minn mekkaniżmi simili fi skemi oħra ta' PNR aktar żviluppati, inkluża l-iskema tal-UE. F'każ li ma jkunx disponibbli mekkaniżmu li jopera b'mod effiċjenti u li jkun effettiv fsens ta' nfiq, l-aċċess għad-dejta għandu jkun ristrett permezz tal-arkivjar, u d-dejta tkun tista' tiġi aċċessata biss bl-istess mod li tiġi aċċessata d-dejta depersonalizzata, skont l-Artikolu 16.
3. Il-Partijiet għandhom jiftehmu minn qabel dwar il-modalitajiet tar-reviżjoni konġunta u għandhom jgħarrfu lil xulxin dwar il-kompożizzjoni tat-timijiet rispettivi tagħhom. Għall-finijiet tar-reviżjoni konġunta, l-Unjoni Ewropea għandha tiġi rrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea u l-Awstralja għandha tiġi rrappreżentata mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri. It-timijiet jistgħu jinkludu esperti fl-oqsma tal-protezzjoni tad-dejta u tal-eżekuzzjoni tal-liġi. Skont il-liġijiet applikabbli, il-partiċipanti kollha tar-reviżjoni konġunta għandhom jiġu mitluba jirrispettaw il-kunfidenzjalità tad-diskussjonijiet u jkollhom awtorizzazzjonijiet xierqa ta' sigurtà. Għall-finijiet tar-reviżjoni konġunta, is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri għandu jiżgura l-aċċess għad-dokumentazzjoni u s-sistemi rilevanti u għall-persunal kompetenti.
4. Il-Partijiet għandhom jevalwaw il-Ftehim, b'mod partikolari l-effettività operattiva tiegħu, sa mhux aktar tard minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.
5. Wara li ssir ir-reviżjoni konġunta, il-Kummissjoni Ewropea għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Għandha tingħata l-opportunità lill-Awstralja biex tipprovdi l-kummenti tagħha bil-miktub li għandhom jiġu meħmuża mar-rapport.
6. Peress li t-twaqqif ta' sistema ta' PNR tal-UE jista' jbidel il-kuntest ta' dan il-Ftehim, jekk tiġi adottata sistema ta' PNR tal-UE u meta dan iseħħ, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin biex jistabbilixxu jekk dan il-Ftehim ikunx jista' jiġi aġġustat skont kif ikun meħtieġ.

Artikolu 25

Terminazzjoni

1. Kull waħda mill-Partijiet tista' ttemm dan il-Ftehim f'mument kwalunkwe permezz ta' notifika bil-miktub b'mezzi diplomatiċi. It-terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ 120 jum mid-data tar-riċeviment ta' din in-notifika jew skont kif ikun ġie miftiehem.
2. Minkejja kwalunkwe terminazzjoni ta' dan il-Ftehim, id-dejta kollha miksuba mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri skont it-termini ta' dan il-Ftehim għandha tibqa' tiġi pproċessata f'konformità mas-salvagwardji ta' dan il-Ftehim, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar iż-żamma u t-tħassir tad-dejta.

Artikolu 26

It-tul ta' żmien

1. Skont l-Artikolu 25, dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' seba' snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.
2. Hekk kif jiskadi l-perjodu stabbilit fil-paragrafu 1, kif ukoll kwalunkwe perjodu sussegwenti ta' tiġdid skont dan il-paragrafu, il-Ftehim għandu jiġġedded għal perjodu sussegwenti ta' seba' snin sakemm waħda mill-Partijiet tgħarraf lill-oħra bil-miktub permezz ta' mezzi diplomatiċi u mill-anqas tnax-il xahar bil-quddiem, li m'għandhiex l-intenzjoni li ġġedded il-Ftehim.
3. Minkejja kwalunkwe skadenza ta' dan il-Ftehim, id-dejta kollha miksuba mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri skont it-termini ta' dan il-Ftehim għandha tibqa' tiġi pproċessata f'konformità mas-salvagwardji ta' dan il-Ftehim, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar iż-żamma u t-tħassir tad-dejta.

Artikolu 27

Id-dejta tal-PNR rċevuta qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim

L-Awstralja għandha tittratta kwalunkwe dejta tal-PNR miżmuma mis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. Madanakollu, l-ebda dejta m'għandha tintalab biex tiġi moħbija qabel l-1 ta' Jannar 2015.

Artikolu 28

L-applikazzjoni territorjali

1. Skont il-paragrafu 2 sal-paragrafu 4, dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorju li fih huma applikabbli t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għat-territorju tal-Awstralja.
2. Dan il-Ftehim għandu japplika biss għad-Danimarka, ir-Renju Unit jew l-Irlanda, jekk il-Kummissjoni Ewropea tgħarraf bil-miktub lill-Awstralja li d-Danimarka, ir-Renju Unit, jew l-Irlanda jkun għażlu li jintrabtu b'dan il-Ftehim.
3. Jekk qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, il-Kummissjoni Ewropea tgħarraf lill-Awstralja li dan se jkun japplika għad-Danimarka, ir-Renju Unit jew l-Irlanda, dan

il-Ftehim għandu japplika għat-territorju ta' tali Stat fl-istess jum stabbilit għall-Istati Membri l-oħra tal-UE marbuta b'dan il-Ftehim.

4. Jekk wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, il-Kummissjoni Ewropea tgħarraf lill-Awstralja li dan japplika għad-Danimarka, ir-Renju Unit jew l-Irlanda, dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorju ta' tali Stat fl-ewwel jum wara li l-Awstralja tkun rċeviet in-notifika.

Artikolu 29

Id-Dispożizzjonijiet Finali

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu skambjaw notifikati li jindikaw li huma kkonkludew il-proċeduri interni tagħhom għal din il-fini.
2. Dan il-Ftehim se jissostitwixxi l-Ftehim li sar bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-Ipproċessar u t-Trasferiment ta' Dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) derivata mill-Unjoni Ewropea minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Doganali Awstraljan, magħmul fi Brussell fit-30 ta' Ġunju 2008, li mhux se jibqa' applikabbli mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Magħmul fi..., ...; f'żewġ dokumenti oriġinali, bil-lingwa Ingliża. Dan il-Ftehim għandu jittfassal ukoll bil-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Frañċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, l-Isvediż, it-Taljan u l-Ungeriż, fejn kull verżjoni hija awtentika bl-istess mod. F'każ li jkun hemm diverġenza bejn il-verżjonijiet tal-lingwi differenti, għandha tgħodd il-verżjoni bl-Ingliż.

GĦALL-UNJONI EWROPEA

+++++

GĦALL-AWSTRALJA

+++++

Anness 1

L-elementi tad-dejta tal-PNR imsemmija fl-Artikolu 2(f) li t-trasportaturi bl-ajru huma mitluba li jittrażmettu lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri, kemm-il darba dawn ikunu diġà qed jiġbruhom:

1. Kodiċi lokalizzatur tar-reġistru tal-PNR
2. Data tar-riżervazzjoni/ħruġ tal-biljett
3. Data/Dati tal-ivvjaġġar ippjanat
4. Isem/Ismijiet
5. Informazzjoni disponibbli dwar il-vjaġġaturi frekwenti u l-benefiċċji (jiġifieri biljetti b'xejn, titjib fil-klassi tal-ivvjaġġar, eċċ.)
6. Ismijiet oħra fil-PNR, inkluż in-numru ta' vjaġġaturi fil-PNR
7. Kull informazzjoni ta' kuntatt disponibbli (inkluża l-informazzjoni dwar l-oriġinatur)
8. Kull informazzjoni disponibbli dwar il-pagament/il-ħlas (li ma tinkludix dettalji oħra ta' tranżazzjonijiet marbuta ma' xi kard tal-kreditu jew ma' xi kont u li ma tkunx konnessa mat-tranżazzjoni tal-ivvjaġġar)
9. Itinerarju tal-vjaġġ għal PNR speċifiku
10. Aġenzija tal-ivvjaġġar/aġent tal-ivvjaġġar
11. Informazzjoni dwar il-kondiviżjoni tal-kodiċi
12. Informazzjoni maqsuma/diviża
13. Status tal-ivvjaġġar tal-passiġġier (li jinkludi il-konfermi u l-istatus taċ-check-in)
14. Informazzjoni dwar il-qtugħ tal-biljetti, li tinkludi n-numru tal-biljett, biljetti mingħajr ritorn u Stima Awtomatizzata tal-Prezz tal-Biljett;
15. L-informazzjoni kollha dwar il-bagalji
16. Informazzjoni dwar is-siġġu, li tinkludi n-numru tas-siġġu
17. Kummenti ġenerali li jinkludu Informazzjoni Supplementari Oħra (OSI), Informazzjoni Speċjali dwar is-Servizz (SSI) u informazzjoni dwar Talba għal Servizz Speċjali (SSR)
18. Kull informazzjoni dwar l-APIS li tkun inġabret
19. Il-bidliet storiċi kollha li saru fil-PNR, elenkati taħt in-numru 1 san-numru 18

Anness 2

Lista tal-awtoritajiet governattivi l-oħra tal-Awstralja li magħhom is-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri huwa awtorizzat li jikkondividi d-dejta tal-PNR:

1. Il-Kummissjoni Awstraljana għall-Kriminalità;
2. Il-Pulizija Federali Awstraljana;
3. L-Organizzazzjoni Awstraljana tat-Tagħrif Sigriet dwar is-Sigurtà;
4. Id-Direttur tal-Commonwealth għall-Prosekuzzjonijiet Pubbliċi;
5. Id-Dipartiment tal-Immigrazzjoni u ċ-Ċittadinanza;

L-Uffiċċju għas-Sigurtà fit-Trasport, id-Dipartiment tal-Infrastruttura u t-Trasport.